# Programm ta' Ħidma Annwali tal-eu-LISA

2015

# WERREJ


1. Ħarsa Ġenerali ........ 3

1.1 Sommarju Eżekuttiv ........ 3

1.2 Missjoni, Viżjoni u Valuri ........ 4

1.3 Kuntest tal-Politika u Ħarsa Ġenerali ........ 5

1.4 Riskji Kummerċjali Kritiċi u Mitigazzjonijiet ........ 5

2. Għanijiet Strateġiċi u Għanijiet Operattivi ........ 7

2.1 Għanijiet Strateġiċi Għall-2015 ........ 7

2.1.1 Għan Strateġiku 1: Tikber bħala kontributur għal & faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà & ġustizzja fl-Ewropa: ........ 7

2.1.2 Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza tal-ICT rikonoxxut u fornitur tas-servizz: ........ 7

2.1.3 Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali tal-UE: ........ 7

2.1.4 Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili: ........ 7

2.2 Għanijiet u Attivitajiet Operattivi għall-2015 ........ 7

2.2.1 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 1: ........ 8

*2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi: ........ 8*

*2.2.1.2 Evoluzzjoni tas-Sistemi: ........ 8*

*2.2.1.3 Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni: ........ 9*

*2.2.1.4 Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda: ........ 10*

*2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta: ........ 10*

*2.2.1.6 Rapportar u Statistika: ........ 11*

*2.2.1.7 Forniment ta' Taħriġ dwar is-Sistemi lill-Istati Membri: ........ 12*

2.2.2 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 2: ........ 12

*2.2.2.1 Żvilupp kontinwu lejn Ċentru ta' Eċċellenza fis-Servizzi tal-ICT u Governanza Korporattiva: ........ 12*

*2.2.2.2 Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija abbażi tal-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT: ........ 13*

*2.2.2.3 Tkabbir tat-Teknoloġija u l-Kompetenza Kummerċjali tal-Aġenzija: ........ 14*

*2.2.2.4 Titjib fl-Inputtjar tar-Riżultati tal-Iżviluppi ta' Monitoraġġ fir-Riċerka fl-Evoluzzjoni tas-Sistema: ........ 14*

2.2.3 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 3: ........ 14

*2.2.3.1 Sħubiji mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u Partijiet u Partijiet Interessati oħra: ........ 15*

*2.2.3.2 Sħubiji ma' Aġenziji Oħra: ........ 15*

*2.2.3.3 Żvilupp Ulterjuri ta' Relazzjonijiet ma' Partijiet Esterni: ........ 15*

*2.2.3.4 Tisħiħ Ulterjuri tal-Komunikazzjoni Esterna: ........ 15*

2.2.4 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 4: ........ 16

*2.2.4.1 Ippjanar Strateġiku ........ 16*

*2.2.4.2 Ġestjoni Finanzjarja ........ 16*

*2.2.4.3 Ġestjoni tal-Loġistika u tal-Faċilitajiet ........ 17*

*2.2.4.4 Akkwist ........ 17*

*2.2.4.5 Riżorsi Umani ........ 17*

*2.2.4.6 Komunikazzjoni Interna ........ 18*

*2.2.4.7 Ġestjoni tad-Dokumenti ........ 18*

*2.2.4.8 Awditjar Intern ........ 18*

Anness A: Għanijiet Operattivi Speċifiċi, Outputs u Indikaturi ta' Prestazzjoni ........ 19

Anness B: Baġit 2015: Previżjoni ta' livell għoli tal-baġit għall-2015 ........ 39

Anness C: Ħarsa Ġenerali lejn ir-Riskji Kritiċi Kummerċjali u Mitigazzjonijiet ........ 41

Anness D: Tabella Sommarja ta' Akkwisti Maġġuri u Proġetti Ppjanati għall-2015 ........ 44

# 1. Ħarsa Ġenerali

## 1.1 Sommarju Eżekuttiv

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) ser jipprovdi ħarsa ġenerali tal-iskopijiet u l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija fl-2015. L-iskop tiegħu huwa li jiddeskrivi fid-dettall l-għanijiet strateġiċi attwali tiegħu u l-għanijiet u r-riżultati assoċjati operazzjonali u annwali. Dan id-dokument ser jipprovdi wkoll bażi għall-ippjanar tal-baġit tal-Aġenzija[1].

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) (Regolament Bażiku) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament ippreveda li l-Aġenzija ser tieħu f'idejha r-responsabilitajiet tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

Il-kompitu ewlieni tal-Aġenzija fl-2015 ser jibqa' li tkompli żżid valur lill-Istati Membri[2] (MS) u partijiet interessati oħra u msieħba permezz tat-tmexxija operattiva stabbli u kosteffiċjenti ta' sistemi fdati lilha (li waqt li qed jinkiteb dawn huma l-VIS/BMS, is-SIS II u l-EURODAC), billi tappoġġa permezz tat-teknoloġija l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura. Ser tkompli tipprepara wkoll għall-integrazzjoni ta'sistemi ulterjuri (soġġetti għall-adozzjoni formali tal-bażi legali relevanti) u tkompli tassisti lill-Istati Membri bil-preparazzjonijiet tekniċi tagħhom għall-integrazzjoni fis-sistemi eżistenti tagħha.

Minn barra dan t'hawn fuq, f'termini ta' sfidi interni, l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi disponibbli, kemm umani, infrastrutturali u organizzattivi, ser jibqgħu prijorità fl-2015. Bħala organizzazzjoni żagħżugħa, l-Aġenzija ser tkompli tagħmel progress sinifikanti fl-iżvilupp ta' mudelli interni operattivi u ta' governanza matul l-2015, billi tibni l-kapaċitajiet tagħha fl-oqsma kollha biex tiżviluppa u timplimenta sistemi ġodda ta' informazzjoni fuq skala kbira fl-oqsma tal-politika relevanti fejn għandha l-mandat li tagħmel hekk. Il-qafas kumpless tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija, kemm f'termini tan-numru ta' sistemi mmaniġġjati, partijiet interessati u l-arranġamenti interni ta' governanza korporattiva (fejn ċerti Stati Membri mhux ser ikunu jistgħu jivvotaw fil-Bord ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ċerti sistemi), jeħtieġu strutturi ta' governanza u sorveljanza operattivi, effettivi u flessibbli. Għaldaqstant, l-Aġenzija għandha tkompli tikkonsolida l-organizzazzjoni u t-timijiet tagħha u turi l-ħila tagħha li twettaq ir-rekwiżiti tal-partijiet interessati, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-politika u l-prijoritajiet estensivi Ewropej fil-qasam tagħha ta' operazzjonijiet.

Il-partijiet interessati tal-Aġenzija jkomplu jistennew l-ogħla standards f'termini ta' inkorporazzjoni tar-rekwiżiti u t-twettiq tal-potenzjal tas-sistemi tagħhom. Madankollu, jeħtieġu wkoll l-ammont massimu ta' flessibilità fi kwalunkwe soluzzjoni li tiġi offruta biex ikunu jistgħu jirreaġixxu aħjar għal politika f'evoluzzjoni jew tibdil leġiżlattiv fir-rigward ta' żviluppi teknoloġiċi, standards ta' sigurtà u salvagwardji dejjem ikbar għall-protezzjoni tad-dejta. Għalhekk, sfida importanti oħra għall-Aġenzija ser tkun biex turi l-livell meħtieġ ta' flessibilità għall-iżvilupp u l-adattament tas-sistemi li hija responsabbli minnhom, filwaqt li tibqa' kosteffettiva u tnaqqas l-impatt li dan it-tibdil jista' jħalli fuq it-twettiq u ż-żmien miftiehem.

---

[1] *Il-projezzjonijiet relatati mar-riżorsi finanzjarji u tal-persunal f'dan id-dokument huma soġġetti għall-adozzjoni tal-Abbozz tal-Baġit 2015 u tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (adottat fl-1/10/2013) mill-Awtorità Baġitarja.*

[2] *Bit-terminu "Stati Membri" dan id-dokument jirreferi għall-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati li huma marbutin skont il-liġi tal-Unjoni bl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha ġestiti mill-Aġenzija.*

Madankollu, numru sinifikanti ta' kwistjonijiet jibqgħu jridu jiġu indirizzati. Minn meta ġiet stabbilita l-Aġenzija fl-2011, eventi esterni u x-xenarju prevalenti eċċessiv tal-politika nbidel, l-istess kif ġralhom l-isfidi organizzattivi li tħabbat wiċċha magħhom l-Aġenzija. Il-klima kontinwa ta' awsterità fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ser ikompli jkollha impatt fuq il-baġits nazzjonali iżda l-flussi migratorji, kemm fl-UE kif ukoll lejn l-UE minn pajjiżi terzi, huma mistennija li jkomplu bix-xejra 'l fuq tagħhom fl-2015. Għandu jiġi nnutat li fl-2014, l-eu-LISA kellha terġa' tagħmel distribuzzjoni tal-baġit disponibbli minħabba qtugħ impost ċentralment li kellu effett fuq l-ippjanar inizjali għall-2014 kif ukoll għal attivitajiet għall-2015. Fl-2014, ġiet mogħtija prijorità lil attivitajiet biex ikomplu jindirizzaw it-tibdil neċessarju li rriżulta minn bażi legali (jiġifieri, tfassil mill-ġdid tal-Eurodac u evoluzzjonijiet ippjanati tas-sistema) u li jintroduċu approċċ gradwali biex titwettaq rikostruzzjoni tas-sit tekniku fi Strasburgu. Barra minn hekk, ġie deċiż li jkun hemm fokus fuq it-twettiq ta' kompiti attwali li kienu qed jitbiegħdu milli jieħdu kompiti ġodda. Għall-2015, it-tnaqqis fil-baġit qajjem il-bżonn għal prijoritizzazzjoni mill-ġdid ta' proġetti (id-dettalji huma mniżżlin fir-REF5 tal-Anness B).

F'din il-politika ta' sfidi u xenarju ġeopolitiku, l-importanza tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija għall-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati oħra qed tkompli tikber minħabba d-dipendenza fuq it-teknoloġija biex din tipprovdi appoġġ kosteffettiv u effiċjenti fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-infurzar tal-liġi fl-Ewropa kollha. Permezz ta' dan t'hawn fuq, x'aktarx li matul l-2015 u wara, l-Aġenzija u s-sistemi li tamministra jaqgħu taħt livelli dejjem jiżdiedu ta' skrutinju pubbliku u politiku. Għaldaqstant, waħda mill-isfidi prinċipali għall-Aġenzija huwa li tkompli turi lill-partijiet interessati kollha u soċjetà usa' li hi tista' u qiegħda tipprovdi sigurtà, effiċjenza u valur għall-flus.

## 1.2 Missjoni, Viżjoni u Valuri

Sabiex ikun rifless fil-mandat tal-Aġenzija, stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1), il-missjoni prinċipali tagħha hija li timpenja ruħha li b' mod kontinwu żżid il-valur lill-Istati Membri billi tappoġġa permezz tat-teknoloġija l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.

L-applikazzjoni tal-missjoni msemmija hawn fuq tal-Aġenzija ser tippermetti li din tikseb il-viżjoni ġenerali tagħha, li hija:

- Li tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti;
- Tibni fiduċja bejn il-partijiet interessati kollha filwaqt li jiġu allinjati b' mod kontinwu l-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri;
- It-tkabbir bħala ċentru ta' eċċellenza.

Bħala tali, l-Aġenzija tistinka biex tappoġġa u tiffaċilita l-politiki Ewropej fil-qasam tal-ġustizzja, sigurtà u libertà. Hija tappoġġa b'mod proattiv l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' infurzar tal-liġi tal-UE. Fl-operazzjonijiet tagħha, l-Aġenzija tirrispetta u tikkonferma d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u l-ogħla standards ta' sigurtà u protezzjoni tad-dejta. Fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE ta' Sigurtà Interna, l-Aġenzija tiffoka l-attivitajiet operattivi tagħha fuq kontribut proattiv ta' sigurtà u l-iffaċilitar tal-moviment liberu tal-persuni ġewwa u lejn iż-Żona Schengen.

Is-suċċess tal-Aġenzija huwa bbażat fuq il-valuri ewlenin tagħha li jkomplu jmexxu l-attivitajiet operattivi u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni. Dawn il-valuri huma:

- Ir-responsabilità: l-iżvilupp u t-tnedija ta' oqfsa ta' governanza sodi, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja soda
- It-trasparenza: il-provvediment ta' komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet interessati ewlenin tal-Aġenzija u li dawn jiġu involuti fi djalogu kontinwu biex jirrevedu u jevolvu l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija

- L-eċċellenza: permezz tal-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajba u l-proċessi t-tajba fis-seħħ biex jiġu żgurati kontinwità fis-servizz u komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri
- Il-kontinwità: l-iżgurar li l-Aġenzija ser tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenza, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u ser tkompli tiżviluppahom
- Il-ħidma f'tim: tingħata s-setgħa lil kull membru individwali ta' tim biex jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, biex jikkontribwixxi għas-suċċess komuni
- L-attenzjoni lejn il-klijent: l-iżgurar li l-Aġenzija hija allinjata fi kwalunkwe ħin mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet interessati tagħha

Dawn il-valuri huma riflessi fil-prinċipji ta' implimentazzjoni ta' gwida għal dan il-Programm ta' Ħidma. Il-prinċipji huma:

- L-Aġenzija tirrikonoxxi l-persuni bħala l-ikbar assi tagħha u tfittex b'mod kostanti li tattira, iżżomm u tiżviluppa professjonisti bi kwalifiki għoljin li jikkondividu l-istess valuri tal-Aġenzija u li ser ikunu mmotivati u impenjati biex jilħqu l-missjoni u l-għanijiet tagħha
- L-Aġenzija tibni s-suċċess tagħha permezz ta' sħubiji miftuħa u effettivi mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet komuni
- L-Aġenzija tibni u żżomm kredibilità mas-sħab u l-partijiet interessati tagħha fl-UE permezz tas-suċċessi u l-kapaċitajiet professjonali tat-tim tagħha
- L-Aġenzija ser tistinka biex tippromwovi eċċellenza operattiva permezz tal-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja lill-Istati Membri li huma allinjati mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom. L-ogħla standards ta' protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà ser jiddaħħlu fl-operazzjonijiet kollha tal-Aġenzija.
- L-Aġenzija ser tapplika prinċipji ta' governanza tajba u kosteffettività biex tmexxi l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tiżgura konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli għas-sistemi amministrati minnha.

## 1.3 Kuntest tal-Politika u Ħarsa Ġenerali

It-tibdil kontinwu lejn l-integrazzjoni tal-funzjonalità tal-ICT fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika Ewropea x'aktarx tfisser l-użu dejjem jiżdied ta' infrastrutturi u għodod tal-ICT fil-qasam tal-ĠAI u postijiet oħra. Hekk kif il-Programm ta' Stokkolma jikkonkludi fl-2014, x'aktarx li jkun hemm element ta' riorjentazzjoni strateġika lejn koerenza, simplifikazzjoni u kosteffettività fl-oqsma tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni. Dan li x'aktarx iħalli impatt fuq l-ICT meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-politika tal-ĠAI ta' wara Stokkolma. Minħabba l-enfasi dejjem tikber fuq l-interoperabbiltà u l-effiċjenza, l-Aġenzija tista' tistenna ambjent ta' politika ta' wara Stokkolma fejn jilgħab rwol akbar fl-appoġġ tal-partijiet interessati tagħha (l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet) fit-twettiq tal-benefiċċji ta' din l-interoperabbiltà hekk kif l-eu-LISA ser tkompli tiżgura li s-sistemi li hija tamministra huma kontinwament disponibbli, jistgħu jintużaw b'mod sħiħ u joperaw fil-kapaċità meħtieġa.

## 1.4 Riskji Kummerċjali Kritiċi u Mitigazzjonijiet

Bħala element essenzjali tal-qafas ta' governanza ġenerali tagħha, l-Aġenzija żviluppat u implimentat proċess wiesa' tal-ġestjoni tar-riskji organizzattivi. Dan għandu l-għan li jidentifika u jamministra riskji fil-livell organizzattiv kif ukoll li jiddefinixxi strateġija dettaljata ta' rispons għal kull wieħed minnhom. Il-proċess tar-riskju tal-Aġenzija huwa integrat fir-rapportar annwali u fiċ-ċiklu tal-ippjanar u, f'konformità mal-Istandard tal-Kontroll Intern (ICS) Nru 6 tal-Kummissjoni.

Biex tkun provduta sorveljanza effettiva għal dan il-proċess, ġie stabbilit b'mod formali Kumitat Korporattiv għall-Ġestjoni tar-Riskju (CRMC). Dan il-kumitat jinkludi rappreżentanti minn oqsma ewlenin tan-negozju

involuti fil-ġestjoni tar-riskju fl-Aġenzija. Il-funzjonijiet prinċipali tiegħu huwa li jivvaluta u jamministra riskji fuq livell korporattiv kif ukoll iżomm konxji tar-riskju ta' ġestjoni effettiva tar-riskju fl-eu-LISA.

Ir-reġistru tar-riskju tal-organizzazzjoni fih riskji identifikati u tweġibiet xierqa għar-riskju. Jiddefinixxi wkoll is-sjieda għal kull riskju fl-Aġenzija. Il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu mbagħad definiti biex jispjegaw il-miżuri ta' mitigazzjoni relevanti li għandhom jittieħdu f'kull każ.

Riskju jitqies bħala "maġġuri" u jiġi rrapportat fil-Programm ta' Ħidma u r-Rapport tal-Attività jekk jista':

- ikun ta' xkiel għall-kisba ta' għanijiet strateġiċi jew implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Aġenzija;
- jikkawża ħsara serja għall-partijiet ikkonċernati jew is-sħab tal-Aġenzija (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-kumpaniji, iċ-ċittadini, eċċ.);
- jirriżulta f'intervent kritiku fil-livell politiku (eż. il-Kunsill/il-Parlament) rigward il-prestazzjoni tal-Aġenzija;
- jirriżulta fil-ksur ta' liġijiet u regolamenti;
- jirriżulta f'telf materjali u/jew finanzjarju;
- ikun ta' xkiel għas-sikurezza tal-persunal tal-Aġenzija; jew
- ikun ta' ħsara serja fi kwalunkwe mod għall-immaġni u r-reputazzjoni tal-Aġenzija.

L-Anness C għal dan ir-rapport jispjega dawn ir-riskji maġġuri identifikati (pjan għall-ġestjoni tar-riskju separat ser jindirizza r-riskji identifikati kollha fl-organizzazzjoni kollha). Xi wħud minn dawn ir-riskji maġġuri huma:

- Mhux biżżejjed persunal minħabba l-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija
- Ċaqliq kbir tal-persunal tal-Aġenzija
- Bidliet frekwenti fil-prijoritajiet u d-domanda għas-servizz matul is-sena
- Il-baġit 2015 jiddevja b'mod sinifikanti mill-previżjoni
- Dewmien fix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Strasburgu
- L-implimentazzjoni ta' għanijiet kummerċjali ssofri minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva bejn il-Kwartieri Ġenerali u s-sit operattiv minħabba d-distribuzzjoni ġeografika tal-Aġenzija

# 2. Għanijiet Strateġiċi u Għanijiet Operattivi

## 2.1 Għanijiet Strateġiċi Għall-2015

### 2.1.1 Għan Strateġiku 1: Tikber bħala kontributur għal & faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà & ġustizzja fl-Ewropa:

Fil-kuntest tal-Programm ta' Ħidma 2015, progress lejn dan il-prodott finali strateġiku ser jinvolvi l-iżvilupp tal-mudelli ta' governanza u operattivi tal-Aġenzija biex tkompli żżomm it-twettiq ta' operazzjoni kontinwa tas-sistemi ġestiti minnha u tiżgura li l-evoluzzjoni tagħhom għaddejja skont ir-rekwiżiti tal-partijiet interessati u l-imsieħba. Fl-2015, barra mill-appoġġ lill-Istati Membri permezz tas-sistemi taċ-ċiklu tal-ħajja taħt il-ġestjoni tagħha (fil-ħin ta' din il-kitba huma SIS II, VIS u l-Eurodac), u probabbli li l-Aġenzija ser tkun involuta wkoll fil-preparazzjoni u tkun fdata bl-iżvilupp ta' proġett pilota għad-Dħul/Ħruġ u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati bħala parti mill-inizjattiva Fruntieri Intelliġenti.

### 2.1.2 Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza tal-ICT rikonoxxut u fornitur tas-servizz:

Matul is-sena, l-Aġenzija għandha timmira li tkompli timplimenta oqfsa ta' governanza komprensiva u operattiva bbażata fuq l-istandards tal-industrija. Ser tiżgura wkoll sistemi ta' ġestjoni effiċjenti u kosteffettivi permezz tal-monitoraġġ kontinwu u l-evoluzzjoni ta' proċessi operattivi li huma konformi mal-aħjar prattika, tfittex opportunitajiet li jottimizzaw u jtejbu l-Ispiża Totali tas-Sjieda tas-sistemi eżistenti u tibni aktar il-kapaċitajiet, ir-riżorsi u l-ħiliet tagħha li, fuq perjodu twil, ser joħolqu vantaġġ kompetittiv għall-Aġenzija u l-partijiet interessati tagħha.

### 2.1.3 Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali tal-UE:

L-Aġenzija għandha tiżviluppa ulterjorment sħubiji interni u esterni mal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, aġenziji relevanti tal-UE u partijiet interessati u msieħba oħra biex jinħolqu u jiġu żviluppati sinerġiji u ekonomiji ta' skala fil-qasam tal-ICT. Għall-2015 dan jista' jfisser approfondiment u tisħiħ ta' sħubiji ma' aġenziji oħra fl-oqsma ta' politika relevanti abbażi li jitkompla l-iffirmar tal-memoranda ta' fehim u kooperazzjoni f'oqsma ta' interess konġunt. L-Aġenzija ser tfittex li tiskambja esperjenzi u għarfien fl-ICT ma' sħab identifikati filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnedija ta' sistemi komuni u pjattaformi tat-teknoloġija u tipprovdi servizzi skont l-istrumenti legali relevanti fis-seħħ.

### 2.1.4 Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili:

Matul is-sena, l-Aġenzija ser tkompli tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp professjonali u tal-karriera tal-persunal tagħha. Fl-istess ħin ser tfittex li tagħti s-setgħa lill-persunal u tibni organizzazzjoni bbażata fuq il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-Aġenzija. Id-dokument ta' strateġija tal-eu-LISA 2014-2020 ser ikompli jipprovdi direzzjoni strateġika għal dan il-proċess u jallinja l-kapaċitajiet tat-teknoloġija tal-organizzazzjoni u l-kompetenzi estensivi tal-kapital uman tiegħu biex jipprovdi valur miżjud.

## 2.2 Għanijiet u Attivitajiet Operattivi għall-2015

Hemm rekwiżit ċar għall-Aġenzija biex torbot l-intenzjoni strateġika tagħha msemmija hawn fuq mal-operazzjonijiet tagħha ta' kuljum. L-attivitajiet operattivi tal-Aġenzija huma strateġikament importanti sempliċiment għax huma l-azzjonijiet ta' kuljum tal-operazzjonijiet tagħha li, meta jiġu kkunsidrati fit-totalità tagħhom, jikkostitwixxu d-direzzjoni strateġika fuq perjodu twil tal-eu-LISA. Minħabba f'hekk, hawn taħt hawn deskritt l-għanijiet operattivi tal-2015 li ser jipprovdu l-pedamenti għall-evoluzzjoni strateġika tal-Aġenzija.

### 2.2.1 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 1:

*"Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa"*

#### 2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi:

Fl-2015 l-Aġenzija ser tkompli tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS/BMS, SIS II u l-Eurodac kif ukoll netwerks ta' komunikazzjoni bħal SIRENE Mail, VISION, Dublinet u VIS Mail 2. Ir-responsabilitajiet tagħha ser ikomplu jinkludu l-kompiti kollha meħtieġa biex iżżomm is-sistemi jiffunzjonaw 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, f'konformità mal-qafas legali tagħhom u r-Regolament Bażiku tal-Aġenzija.

Matul l-2015, l-Aġenzija ser tkompli tipprovdi servizzi fuq bażi 24/7 ta' ġestjoni tal-applikazzjoni u ġestjoni tas-sistema għas-sistemi kollha. Ser tkompli tipprovdi wkoll servizzi ta' ġestjoni tan-netwerk u superviżjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni 24 siegħa kuljum.

L-Aġenzija ser tiġġestixxi l-infrastruttura sottostanti għas-sistemi kollha fis-sit operattiv u s-sit ta' riserva u tipprovdi monitoraġġ kontinwu tal-infrastruttura, is-servizzi u s-sistemi biex tiġi ottimizzata u mtejba l-Ispiża Totali tas-Sjieda tas-sistemi. Barra minn hekk, l-eu-LISA ser tkompli tirfina l-proċessi interni tagħha biex iżżomm l-operazzjonijiet effettivi u siguri.

L-Aġenzija ser tkompli topera mudell ta' servizz unifikat għas-sistemi kollha bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għall-kosteffiċjenza u l-kontinwità tal-operazzjonijiet tagħha. Sabiex tevolvi l-mudell operattiv tagħha f'konformità mal-aħjar prattiki internazzjonali, l-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni tal-mudell ta' servizz tagħha abbażi tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Librerija ta' Infrastruttura tal-IT / il-Ġestjoni ta' servizz tal-IT għas-sistemi tal-IT (ITIL / ITSM) imfassal fl-2013.

L-Aġenzija ser tistinka biex ittejjeb id-disponibilità, l-affidabilità u l-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi li hi tiġġestixxi u żżid is-sodisfazzjon ġenerali lill-utent finali permezz ta', fost l-oħrajn, l-omoġenizzazzjoni tal-ambjent taċ-ċentru tad-dejta, tnaqqas il-kumplessità proċedurali u operattiva u tissimplifika ulterjorment il-ġestjoni operattiva tagħha. Huwa mixtieq li, fl-2015, dan l-eżerċizzju ta' żvilupp kontinwu jirriżulta f'dan li ġej:

- perspettiva olistika tal-operazzjonijiet tul l-ambjenti taċ-ċentri tad-dejta kollha tal-Aġenzija biex tkompli tipprovdi servizzi affidabbli;
- tissimplifika u tawtomatizza kemm jista' jkun possibbli proċessi kkombinati mal-ġestjoni ċentralizzata fejn xieraq biex tiżdied l-effiċjenza operattiva; u
- kapaċitajiet flessibbli u aġili tal-IT biex tlaqqa' l-kapaċità tal-IT mad-domandi kummerċjali.

Matul l-2015 l-eu-LISA ser tipprovdi wkoll l-assistenza kollha meħtieġa lil Stati Membri bħal Ċipru, l-Irlanda u l-Kroazja, biex ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom mas-SIS II, VIS jew l-Eurodac. L-integrazzjoni proprja tista' tibda biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti u tiġi adottata d-deċiżjoni rispettiva tal-Kunsill.

F'konformità mar-rekwiżiti legali relevanti, l-Aġenzija ser tkompli żżomm separazzjoni kompleta tad-dejta ta' kull sistema individwali biex iżżomm l-ogħla livell ta' sigurtà, protezzjoni tad-dejta u affidabilità.

#### 2.2.1.2 Evoluzzjoni tas-Sistemi:

L-eu-LISA ser tkompli tevolvi s-sistemi ġestiti minnha skont ir-rekwiżiti legali u l-ħtiġijiet operattivi tal-Istati Membri biex ittejjeb ulterjorment il-kapaċitajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tkompli tissorvelja l-prestazzjoni tas-sistemi u l-livelli tas-servizz provduti. Ser tkompli wkoll ittejjeb servizzi eżistenti u tallinja s-sistemi mal-ħtiġijiet kummerċjali abbażi tal-pjan direzzjonali stabbilit għal kull sistema.

L-Aġenzija ser tkompli tirrevedi arkitettura attwali tas-sistemi kollha biex kontinwament ittejjeb l-ekonomiji ta' skala u effiċjenzi. Għalhekk, l-infrastruttura attwali ser tiġi aġġornata u s-servizzi ser jiġu evoluti kif u meta meħtieġ.

L-Aġenzija, flimkien mal-Istati Membri, ser jiffinalizzaw it-tnedija tal-VIS u l-VIS Mail Phase 2[3] (kwalunkwe dewmien ser ikollu impatt fuq it-tmiem gradwali tal-VISION u d-dħul fl-operazzjonijiet tal-VIS Mail 2). L-eu-LISA ser tkompli wkoll il-valutazzjoni tal-kapaċità u l-eżerċizzju ta' previżjoni tal-VIS u l-BMS biex is-sistemi jiġu allinjati aħjar mal-bżonnijiet kummerċjali. Proġetti oħra bħal VIS plejgrawnd, l-evoluzzjonijiet tal-VIS u l-allokazzjoni tal-VIS Dynamic u l-evoluzzjonijiet tal-interfaċċa tal-VIS ta' utenti ġodda ser jiġu implimentati u r-rapportar u l-istatistika ser jiġu mtejba wkoll.

L-Aġenzija ser tkompli l-implimentazzjoni tal-bidliet fis-sistema tal-Euroadac kif stabbilit fir-Regolament Imfassal mill-Ġdid adottat fl-2013 bl-għan li jkun implimentat bis-sħiħ sa Lulju 2015. Attivitajiet ippjanati biex tkun żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tar-Regolament Imfassal mill-Ġdid jinkludu l-migrazzjoni tas-sistema lejn Strasburgu u integrazzjoni fil-mudell tas-servizzi tal-Aġenzija wara l-attivitajiet għal rilokazzjoni b'suċċess tal-Eurodac, toħloq siti tal-Eurodac ġodda fi Strasburgu u l-Awstrija bħala kloni tas-sistema eżistenti u twettaq akkwisti ta' ħardwer ġdid u relevanti u softwer COTS.

Il-Pjan Direzzjonali tas-SIS II ser ikompli jiġi rivedut u implimentat fl-2015 filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-komunità SIRENE kif ukoll il-bażijiet legali relevanti biex ikun żgurat il-livell xieraq tal-evoluzzjoni tas-sistema. L-Aġenzija tista' tkun meħtieġa li tintroduċi kapaċitajiet bijometriċi u tibdil funzjonali u tekniku ieħor għas-SIS II, jiddependi fuq in-negozjati u l-adozzjoni tal-istrumenti legali rispettivi. Il-Kontrolli tal-Konsistenza tad-Dejta (DCC) u l-kontrolli tal-kwalità għal pajjiżi b'kopja nazzjonali ser ikompli jiġu sorveljati mill-qrib b'kooperazzjoni mill-Istati Membri.

## 2.2.1.3 Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni:

L-Aġenzija ser tkompli tkun responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni ta' relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizz tan-netwerk relevanti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-Eurodac, VIS u SIS II. L-Aġenzija tikkondividi r-responsabilità għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-kompiti l-oħrajn kollha marbutin mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti marbutin mal-implimentazzjoni tal-baġit, ix-xiri u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali. Il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri ta' sigurtà relevanti u l-pjan ta' sigurtà għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tas-SIS II. Ir-responsabilitajiet tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni għas-sistemi ġestiti ġew spjegati f'aktar dettall f'Memorandum ta' Fehim.

Il-kuntratt qafas għall-għoti ta' netwerk ġdid ġie ttardjat. In-negozjati bejn DĠ Affarijiet Interni u l-fornitur tas-servizz tas-sistemi T għadhom għaddejjin waqt il-ħin tal-kitba u issa hemm kontinġenzi fis-seħħ biex jestendu l-kuntratti ta' s-Testa iktar tard minn Settembru 2014 (id-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt oriġinali għal s-Testa) biex jipprovdu kontinwità tas-servizz. Bħala riżultat, il-parti l-kbira tal-attività biex issir il-migrazzjoni tal-infrastruttura tas-sistemi u l-komunikazzjoni għan-netwerk Testa-NG issa hija proviżorjament skedata biex

*[3] Ma hemm ebda dispożizzjoni legali dwar id-dewmien eżatt tat-Tnedija Reġjonali tal-VIS, hekk kif dan jiddependi mill-Istati Membri u l-veloċità li biha jniedu s-sistema. Għaldaqstant, għandu jkun mifhum li d-Deċiżjoni skont l-Art. 46 tar-Regolament tal-VIS ser tittieħed biss meta t-tnedija reġjonali tkun lesta u mhux bilfors eżatt 22 xahar wara l-attivazzjoni ta' VIS.*

tibda tard fl-2015/kmieni fl-2016, għalkemm l-ippjanar dettaljat għadu dipendenti fuq id-data finali tal-firma tal-kuntratt li, fil-ħin tal-kitba, hija stmata li tkun l-1 ta' Novembru 2014.

Skont ir-Regolament Bażiku tal-Aġenzija, il-kompiti marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu fdati lil fornituri ta' partijiet terzi jew korpi esterni mis-settur privat skont ir-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002. Fl-2015, bħal fis-snin ta' qabel, il-fornitur tan-netwerk għadu jkun marbut bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu jkollu ebda aċċess għad-dejta operattiva fis-SIS II, il-VIS jew l-EURODAC. L-Aġenzija ser tkompli li dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jiġu rispettati.

### 2.2.1.4 Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda:

L-Aġenzija tista' tingħata r-responsabilità wkoll għat-tħejjija, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ta' informazzjoni oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jekk dan ikun stipulat bi strumenti leġiżlattivi relevanti. F'dan ir-rigward, l-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2015 ser jiddependu primarjament fuq in-negozjati u l-adozzjoni ta' strumenti legali rispettivi wara l-proposta tal-Kummissjoni mill-2013 dwar il-Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti, inkluż il-proposti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP). Soġġett għall-adozzjoni tal-bażijiet legali, huwa possibbli li l-Aġenzija tista' tintalab tibda tiżviluppa dawn is-sistemi sa mill-aħħar tal-2015. Sa dak iż-żmien, l-eu-LISA għandha tkun ippreparat valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura, il-persunal u dawk organizzattivi għat-twaqqif u l-ġestjoni ta' dawn is-sistemi, kif ukoll tkun lestiet l-ippjanar inizjali għall-implimentazzjoni tagħhom. Barra mir-riżorsi l-oħra kollha meħtieġa, il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jkun jeħtieġ ukoll li jikber biex jirrifletti dan ir-rekwiżit il-ġdid.

L-Aġenzija għandha tkun dejjem lesta li tieħu r-responsabilità għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn (jiddependi mill-adozzjoni relevanti tal-istrumenti legali l-ġodda) jew tagħmel bidliet sostantivi lil dawk is-sistemi eżistenti li qed tiġġestixxi. Għalhekk, ser timmira li tantiċipa r-riżors ġenerali u l-implikazzjonijiet tekniċi ta' kwalunkwe sistemi addizzjonali tal-IT li jista' jkollha tiżviluppa jew tamministra. Għandha wkoll tkun ippreparata li tipprovdi pariri tekniċi imparzjali rigward l-abbiltà tagħha li tappoġġa strumenti legali eżistenti rispettivi u ġodda. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li jkun hemm biżżejjed flessibilità fl-organizzazzjoni interna tagħha biex tieħu l-passi biex tieħu f'idejha l-ġestjoni ta' sistemi ġodda malajr kemm jista' jkun wara li jiġu adottati l-bażijiet legali relevanti. Madankollu, b'mod ċar, dan jeħtieġ li jkun fil-kapaċità tar-riżorsi umani u baġitarji tal-Aġenzija.

### 2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta:

Is-sistemi ċentrali tal-Eurodac, VIS u SIS II huma strettament konformi mar-rekwiżiti tar-regolamenti rispettivi f'termini ta' protezzjoni tad-dejta u fl-aħjar prattiċi internazzjonali f'termini ta' sigurtà ta' informazzjoni. Ġew appuntati b'mod formali Uffiċjal tas-Sigurtà tas-Sistema u Uffiċjal tas-Sigurtà Lokali biex jiżguraw l-effikaċja operattiva tal-kontrolli tas-sigurtà u l-iżvilupp kontinwu tal-istrateġija tas-sigurtà. Is-CUs huma wkoll protetti b'kontrolli fiżiċi b'saħħithom. Barra minn hekk, f'każ ta' kontinġenza, l-operazzjonijiet jistgħu jaqilbu għas-sit ta' appoġġ fl-Awstrija fejn il-preżenza ta' persunal permanenti hija żgurata. Il-persuni kollha li għandhom aċċess loġiku jew fiżiku għas-sistemi ta' produzzjoni (Siti Ċentrali jew ta' Appoġġ) għandhom approvazzjoni valida tas-sigurtà fil-livell Sigriet tal-UE.

F'termini ta' sigurtà ta' informazzjoni, l-aċċess operattiv u amministrattiv għas-sistemi Ċentrali u ta' Appoġġ jiġi ġestit wara s-segregazzjoni tad-dmirijiet u l-prinċipji ta' privileġġ l-anqas meħtieġa. L-attivitajiet kollha huma strettament ikkontrollati, sorveljati u rreġistrati. Kwalunkwe komunikazzjoni bejn is-sistemi u lejn l-

Istati Membri hija kriptata u hemm fis-seħħ kontrolli tan-netwerk b'diversi saffi ta' firewalls u kontrolli għall-integrità.

Fl-2015, l-attenzjoni kontinwa tal-Aġenzija ser tkun li ssaħħaħ u tevolvi l-oqfsa ta' sigurtà u l-proċeduri għall-organizzazzjoni nnifisha, is-sistemi ġestiti minnha u n-netwerks ta' komunikazzjoni konkomitanti tagħhom. Sabiex ikun żgurat li l-kontrolli ta' sigurtà għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija ġew implimentati kif meħtieġ u jindirizzaw kif xieraq ir-riskji ta' sigurtà applikabbli, l-Aġenzija ser iddaħħal fis-seħħ arranġamenti u proċessi li jiżguraw li s-sistemi u n-netwerks tagħha huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-linja bażi ta' kontroll ta' sigurtà, approvazzjoni ta' ġestjoni ta' riskju formali u approvazzjoni ta' sigurtà u monitoraġġ u ġestjoni kontinwa ta' riskji residwi. (ara l-Anness A, Referenzi 17 – 20 għad-dettalji).

Inħoloq ukoll pjan reżiljenti għall-kontinwità kummerċjali li jippermetti li l-Aġenzija topera fl-eventwalità ta' tfixkil. L-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija għall-kontinwità kummerċjali għall-organizzazzjoni permezz tas-Sistema għall-Ġestjoni tal-Kontinwità Kummerċjali skont l-ISO22301, ISO27031 u standards relevanti oħra u tiżgura li l-kontinwità kummerċjali u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastru jiġu implimentati, ittestjati u miżmuma.

L-Aġenzija ser tkompli tiżgura wkoll konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha tal-protezzjoni tad-dejta li jikkonċernaw kwalunkwe aċċess għad-dejta fis-sistemi amministrati minnha. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser twettaq kwalunkwe kompitu addizzjonali tas-sigurtà assenjat lilha skont l-istrumenti legali għas-sistemi li tħaddem. L-Aġenzija ser iżżomm sistema sħiħa għall-protezzjoni tad-dejta fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi u s-sistemi ta' informazzjoni tal-Aġenzija, inkluż definizzjoni tar-rekwiżiti ta' linja bażi għall-privatezza, notifiki ta' privatezza kif ukoll kontrolli, spezzjonijiet u awditjar regolari.

Barra minn hekk, bħala element ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, l-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni f'konformità mal-istandards relevanti tal-ISMS. L-Aġenzija għandha wkoll l-għan li tiżviluppa u timplimenta l-Qafas tal-Politika għas-Sigurtà inkluż standards u proċeduri ta' sigurtà assoċjati.

L-Aġenzija ser iżżomm u ttejjeb ukoll l-iskema tal-ġestjoni tar-riskju ta' sigurtà tal-persunal biex tidentifika, tamministra u tassigura r-riskji ta' sigurtà li jinvolvu l-persunal intern u estern.

Sabiex tiżgura li r-riskji jiġu identifikati u amministrati kif xieraq, l-Aġenzija ser taħdem ukoll biex iżżomm perspettiva komprensiva u attwali tal-profil ġenerali organizzattiv ta' riskju ta' sigurtà u tintegra b'mod sħiħ il-proċess u l-kultura ta' ġestjoni tar-riskju ta' sigurtà fil-proċessi kummerċjali ewlenin kollha. L-Aġenzija ser tkompli wkoll iżżomm u ttejjeb il-livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet attwali u futuri tal-Aġenzija u timplimenta mudell ta' żoni ta' sigurtà fiżika, dinamika u flessibbli li jippermetti l-bdil tal-ħtiġijiet kummerċjali.

## 2.2.1.6 Rapportar u Statistika:

L-Aġenzija ser tkompli tkun konformi mar-rekwiżiti ta' ġestjoni u ta' rapportar statutorju (bħalma kien previst fil-bażijiet legali għas-sistemi ġestiti u deskritti fir-Regolament Bażiku). Ser tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tas-sistema tal-VIS, SIS II u l-Eurodac u ser tipprovdi rapporti simili għas-sistemi l-oħra kollha sussegwenti li jitpoġġew taħt l-amministrazzjoni tagħha, sussegwenti għall-adozzjoni tal-bażijiet legali meħtieġa.

B'mod speċifiku, l-Aġenzija ser tipprovdi r-rapporti li ġejjin għas-sistemi taħt l-amministrazzjoni tagħha fl-2015:

- Rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS inkluża s-sigurtà tagħha, skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament dwar il-VIS.
- Rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS skont l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni dwar il-VIS
- Eurodac: ir-rapport annwali tal-2014 dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000.
- Eurodac: forniment ta' redditu ta' rapportar statistiku trimestrali regolari dwar il-ħidma tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac (skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000).
- SIS II: pubblikazzjoni annwali tal-istatistika tal-utent tal-Istat Membru dwar is-SIS II skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI rispettivament.
- Rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II skont l-Artikolu 50(4) tar-Regolament 1987/2006 u l-Artikolu 66(4) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

L-eu-LISA ser tiżgura wkoll il-pubblikazzjoni annwali tal-lista ta' awtoritajiet nominati li jkollhom aċċess għad-dejta rrekordjata fid-database ċentrali tal-Eurodac u s-SIS II u l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe lista oħra meħtieġa mill-istrumenti legali.

Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, għandha twettaq valutazzjoni tal-azzjoni tal-Aġenzija. Ser issir valutazzjoni tal-mod kif l-Aġenzija tikkontribwixxi għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u r-rwol tagħha fil-kuntest ta' ambjent koordinat, kosteffettiv u koerenti tal-IT skont ir-regolament bażiku tal-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha tissottometti abbozz ta' termini ta' referenzi għall-valutazzjoni u ser tiżgura segwitu xieraq għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni retrospettiva.

### 2.2.1.7 Forniment ta' Taħriġ dwar is-Sistemi lill-Istati Membri:

L-Aġenzija ser tkompli tipprovdi taħriġ tekniku xieraq dwar l-użu tas-SIS II, VIS u l-Eurodac lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti.

Ir-regolament dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmi ta' valutazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen ser tħalli impatt fuq il-forniment ta' taħriġ tekniku mill-Aġenzija. L-eu-LISA ser tipprovdi t-taħriġ xieraq dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II għall-persunal ta' SIRENE, għall-membri tat-tim tal-evalwazzjoni Schengen u għall-esperti ewlenin.

L-assistenza teknika provduta lill-Istati Membri mill-Aġenzija ser tinkludi assistenza lil Stati Membri ġodda u eżistenti biex ikunu lesti teknikament għall-integrazzjoni tas-SIS II, VIS jew il-Eurodac jew biex jikkonsolidaw l-użu eżistenti tagħhom, b'mod partikulari r-Renju Unit, l-Irlanda, il-Kroazja u Ċipru kif ukoll il-Europol, abbażi tad-deċiżjonijiet legali rispettivi. Barra minn hekk, l-assistenza teknika rispettiva ser tinkludi wkoll servizzi ta' ġestjoni tal-programm/proġett.

### 2.2.2 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 2:

*"Issir ċentru ta' eċċellenza tal-ICT rikonoxxut u fornitur tas-servizz"*

### 2.2.2.1 Żvilupp kontinwu lejn Ċentru ta' Eċċellenza fis-Servizzi tal-ICT u Governanza Korporattiva:

Fl-2015 l-Aġenzija ser tkompli l-iżvilupp tagħha lejn ċentru ta' eċċellenza fil-governanza korporattiva tal-ICT kemm fil-mudelli operattivi kif ukoll ta' governanza tagħha permezz ta' żvilupp ulterjuri tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija (ibbażat fuq l-istandards tal-industrija għal governanza korporattiva tal-ICT biex jiġi

żgurat allinjament kontinwu bejn l-għanijiet kummerċjali u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija) u l-mudell operattiv tagħha biex jiġu żgurati operazzjonijiet sostenibbli u kosteffiċjenti, skont standards tal-industrija (ITIL) għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)[4]

L-Aġenzija ser tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha fl-oqsma ta' ppjanar strateġiku u arkitettura tal-intrapriża minbarra li tpoġġi mekkaniżmi fis-seħħ li jippermettuha tissorvelja żviluppi fir-riċerka relevanti għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija. Ser tfittex ukoll li tistandardizza ulterjorment l-approċċ tagħha għall-ġestjoni tal-programm u tal-proġett u stabbilixxiet Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti(PMO) u adottat PRINCE2 bħala l-metodoloġija ewlenija tal-proġett formali tagħha. Matul l-2015, ser ikun hemm żvilupp ulterjuri tal-PMO f'Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Programm fejn huwa previst li, bħala l-punt fokali għall-ġestjoni ta' riżorsi bejn l-organizzazzjonijiet, tiżviluppa ppjanar u monitoraġġ u rapportar individwali u integrat tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma. L-attivitajiet tal-PMO ser jitwettqu b'kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali.

Barra minn hekk, huwa previst li jkun hemm monitoraġġ kontinwu ta' infrastruttura, servizzi u sistemi biex jiġu identifikati opportunitajiet għall-effiċjenzi u ottimizzazzjoni tal-Ispiża Totali tas-Sjieda (TCO) tas-sistemi ġestiti u żvilupp ulterjuri sinifikanti ta' funzjonalità ta' għodod kollaborattivi (li jinkludu intranet, extranet u l-websajt) fl-oqfsa operattivi u ta' governanza tal-Aġenzija.

Dan it-titjib fil-governanza korporattiva, responsabilità u trasparenza ser jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-Governanza Korporattiva tal-ICT[5]. Dan ser jinvolvi implimentazzjoni ulterjuri tal-aspetti tal-qafas COBIT (Control Objectives for Information and Related Technology[6]) għall-governanza tal-IT fl-2015.

Għalhekk, matul l-2015 ser ikun hemm enfasi fuq l-iżvilupp kontinwu; razzjonalizzazzjoni, titjib u integrazzjoni ta' proċessi korporattivi u operattivi, awtomatizzazzjoni fejn possibbli u monitoraġġ kontinwu tal-infrastruttura, is-servizzi u s-sistemi biex tkun ottimizzata l-Ispiża Totali tas-Sjieda.

Ser ikun hemm ukoll sforzi biex jiżdied aktar il-valur lill-partijiet interessati billi jiġu provduti kapaċitajiet aħjar ta' analiżi kummerċjali u jiġu provduti l-mezzi għal qsim ta' tagħrif u jkompli jkun hemm allinjament u standardizzazzjoni tal-kontenut u l-ifformattjar ta' rapporti u statistiċi fis-sistemi u l-oqsma kummerċjali kollha. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser timmira biex tikseb eċċellenza operattiva billi ttejjeb il-ħiliet individwali skont il-ħtiġijiet u d-diskrepanza fil-ħiliet identifikati billi tipprovdi taħriġ u attivitajiet ta' tagħlim kif ukoll tagħti s-setgħa lill-persunal.

### 2.2.2.2 Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija abbażi tal-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT:

Fl-2015 l-Aġenzija ser tfittex li tevolvi u ssaħħaħ ulterjorment il-mudell ta' governanza tagħha. Ser tagħmel dan billi tkompli timplimenta l-pjan direzzjonali tagħha ta' governanza tal-ITIL/ITSM, kif ukoll tfassal u

---

[4] *L-ITIL huwa l-istandards prinċipali aċċettati internazzjonalment li l-Aġenzija ser tuża biex tevolvi l-mudell operattiv tagħha.*

[5] *Kunċett ta' ġestjoni li jfittex li jallinja l-proċess u l-organizzazzjoni ta' ppjanar strateġiku u operattiv għall-ICT mal-ippjanar strateġiku tan-negozju fl-organizzazzjoni biex b'hekk jiġi massimizzat il-valur miżjud lin-negozju mill-investimenti u l-operazzjonijiet marbutin mal-IT.*

[6] *Għanijiet ta' kontroll għal teknoloġija tal-informazzjoni u teknoloġija relatata (COBIT) huwa qafas maħluq mill-ISACA biex jappoġġa l-governanza tal-IT billi jiġu ddefiniti u allinjati l-għanijiet kummerċjali mal-għanijiet tal-IT u l-proċessi tal-IT. Huwa sett ta' għodod ta' appoġġ li jippermetti lill-maniġers inaqqsu d-diskrepanza bejn ir-rekwiżiti ta' kontroll, il-kwistjonijiet tekniċi u r-riskji kummerċjali. COBIT jiddefinixxi 34 proċess ġeneriku għall-ġestjoni tal-IT, flimkien mal-inputs u l-outputs tal-proċessi rispettivi tagħhom, l-attivitajiet tal-proċessi ewlenin, l-għanijiet, il-kejl tal-prestazzjoni tagħhom u mudell ta' maturità elementari.*

tintroduċi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għas-sistemi u l-proċessi korporattivi u tiżgura li r-riskji identifikati huma ġestiti u mitigati b'mod effettiv.

Ser timxi lejn l-implimentazzjoni ta' qafas ta' proċessi strutturati u koerenti mill-bidu sal-aħħar li ġew imfassla bħala l-fatturi ewlenin ta' kosteffiċjenza operattiva, aspett importanti li ser ikun konsolidazzjoni u standardizzazzjoni ulterjuri ta' għodod eżistenti tal-ġestjoni tas-servizz.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ser timmira li tibda l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ta' kwalità bl-għan li, b'mod gradwali tiġi implimentata abbażi tal-istandards ISO 9001 relevanti. Il-kontrolli interni fl-Aġenzija wkoll ser ikunu msaħħa ulterjorment f'konformità mal-aħjar prattika industrijali.

### 2.2.2.3 Tkabbir tat-Teknoloġija u l-Kompetenza Kummerċjali tal-Aġenzija:

L-Aġenzija ser tkompli tkabbar il-kompetenza tagħha fl-oqsma varji relatati mal-ġestjoni operattiva u l-iżvilupp tas-sistemi fil-kompetenza tagħha. Fl-2015 ser tiffoka biex tkabbar il-kompetenza tagħha fil-qasam tal-bijometrika. Ser tkompli wkoll tibni relazzjonijiet mal-atturi relevanti u l-esperti ewlenin tas-suġġett (jiġifieri mal-universitajiet u l-kumpaniji tat-teknoloġija) permezz ta' proġetti kollaborattivi. L-Istati Membri u partijiet interessati ewlenin oħra ser ikunu kkonsultati biex jiġu definiti l-prijoritajiet f'dan il-qasam ta' kompetenza.

### 2.2.2.4 Titjib fl-Inputtjar tar-Riżultati tal-Iżviluppi ta' Monitoraġġ fir-Riċerka fl-Evoluzzjoni tas-Sistema:

L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam ta' monitoraġġ tar-riċerka u l-iżvilupp fl-oqsma ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti u ser tkompli tpoġġi fis-seħħ ir-riżorsi u l-proċessi meħtieġa biex tiżgura li l-monitoraġġ regolari tar-Riċerka u l-Iżvilupp jippermetti lill-Aġenzija biex tkun proattiva, issegwi u tagħmel użu minn dawn l-iżviluppi. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ ser ikunu inklużi fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija.

B'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-Aġenzija ser timmira wkoll biex tiżgura li f'kull ħin l-aħjar teknoloġija disponibbli, suġġett għal analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, tiġi użata għas-sistemi kollha ġestiti minnha. Dan ser jinkludi s-sistemi tal-IT innifishom u n-netwerks relevanti tagħhom u kwalunkwe softwer meħtieġ għall-amministrazzjoni tagħhom. L-eu-LISA ser tapplika wkoll l-istess prinċipji għas-sistemi interni tagħha stess.

## 2.2.3 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 3:

*"Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali"*

Fl-2015, l-Aġenzija ser tmexxi r-reputazzjoni tagħha bħal ċentru ta' kompetenza billi tkompli ssaħħaħ u tapprofondixxi r-relazzjonijiet mal-imsieħba u l-partijiet interessati. Barra milli b'mod regolari tfittex feedback mill-Istati Membri rigward il-kwalità tas-servizzi tagħha, l-Aġenzija ser tkompli tuża l-forums tal-Grupp Konsultattiv biex tindirizza l-kwistjonijiet operattivi u strateġiċi relevanti mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati relevanti l-oħra kollha. Il-Memoranda ta' Fehim iffirmati mill-imsieħba tal-Aġenzija fl-2013 u fl-2014 ser ikomplu jmexxu u jiffaċilitaw it-trasferiment u l-iskambju ta' tagħrif ma' dawn il-korpi. Fl-2015 ser tkompli wkoll bit-tkabbir reputazzjonali tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza permezz tal-metodoloġiji addizzjonali:

### 2.2.3.1 Sħubiji mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u Partijiet u Partijiet Interessati oħra:

L-Aġenzija ser tipprovdi lill-Bord tat-Tmexxija u lix-xogħol tal-Gruppi Konsultattivi b'appoġġ amministrattiv u loġistiku kontinwu permezz tas-Segretarjat tal-Bord. Il-Bord tat-Tmexxija ser ikompli jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-kompiti kif stabbilit fir-Regolament Bażiku bl-aktar mod kosteffiċjenti, il-Gruppi Konsultattivi ser ikomplu jipprovdu appoġġ lill-Bord tat-Tmexxija biex jadotta l-Programm ta' Ħidma 2016 u r-Rapport tal-Attività għall-2014 kif ukoll dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mal-evoluzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi eżistenti.

L-uffiċċju ta' kooperazzjoni tal-eu-LISA fi Brussell ser jiżviluppa ulterjorment sħubiji relevanti mal-Istati Membri tal-UE u Pajjiżi Assoċjati, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill u atturi relevanti oħra u ser jippromwovi l-Aġenzija, il-missjoni u l-mandat tagħha ma' dawn il-gruppi.

### 2.2.3.2 Sħubiji ma' Aġenziji Oħra:

Fl-2015 l-eu-LISA ser tkompli timplimenta t-termini tal-Memoranda ta' Fehim li ġew iffirmati qabel mal-Aġenziji sħab; CEPOL, FRONTEX u EUROPOL. Fejn xieraq, ser tfittex ukoll li tistabbilixxi relazzjoni formali ma' Aġenziji oħra EASO, ENISA, FRA u EUROJUST, permezz tal-iffirmar ta' Memoranda ta' Fehim ulterjuri. .

### 2.2.3.3 Żvilupp Ulterjuri ta' Relazzjonijiet ma' Partijiet Esterni:

L-Aġenzija ser tkompli tistabbilixxi u tiżviluppa sħubiji ma' entitajiet pubbliċi u privati kif xieraq. L-intenzjoni strateġika ta' dawn is-sħubiji ser tkun biex l-Aġenzija jkollha appoġġ fit-twettiq tal-kompiti imposti tagħha u biex tiżviluppa l-immaġni pubblika tal-Aġenzija bħal aġenzija Ewropea affidabbli u effiċjenti.

### 2.2.3.4 Tisħiħ Ulterjuri tal-Komunikazzjoni Esterna:

L-Aġenzija ser tkompli torganizza attivitajiet ta' komunikazzjoni f'oqsma relatati mal-kompiti tagħha, bl-użu tal-kanali tal-komunikazzjoni kif ukoll tikkontribwixxi għal attivitajiet u inizjattivi ta' komunikazzjoni aktar wiesgħa.

L-Aġenzija ser timmira biex ittejjeb il-komunikazzjoni esterna relatata speċifikament mal-forniment ta' informazzjoni lill-pubbliku; issaħħaħ is-sħubiji u n-netwerks tagħha biex ittejjeb l-ilħiq tal-informazzjoni pubblika, ittejjeb il-kuxjenza pubblika ġenerali dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tal-mandat tagħha, issaħħaħ l-immaġni pubblika tagħha u t-twettiq komprensiv, fattwali, preċiż u fil-ħin tal-mezzi tal-massa dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha tkun konformi mal-obbligi statutorji u legali kollha tagħha fir-rigward ta' pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni. L-Aġenzija ser tippubblika wkoll b'mod regolari statistiċi u rapporti dwar l-użu u l-prestazzjoni tas-sistemi tagħha.

L-Aġenzija ser tiffoka wkoll l-isforzi tagħha biex tipprovdi l-pubbliku Ewropew b'informazzjoni regolari dwar l-attivitajiet tagħha. Fl-2015, l-isforzi tal-Aġenzija f'dan il-qasam ser ikunu mmexxija mill-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha. L-eu-LISA ser tuża taħlita wiesgħa ta' għodod ta' komunikazzjoni kontemporanji u tradizzjonali b'enfasi fuq tekniki ta' komunikazzjoni kosteffiċjenti.

Ser tiġi ffukata wkoll enfasi speċjali fuq komunikazzjoni regolari u komprensiva mal-Istati Membri, il-Gruppi Konsultattivi u l-Bord ta' Tmexxija fir-rigward tal-progress tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma fl-intier tiegħu u proġetti u attivitajiet strateġiċi speċifiċi b'mod partikolari.

### 2.2.4 Għanijiet Operattivi fl-Għan Strateġiku 4:

*"Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili"*

Matul l-2015, l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa bħala organizzazzjoni. Wieħed mill-kompiti ewlenin tagħha ser ikun it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fuq perjodu twil għall-Aġenzija għall-perjodu 2014-2020 flimkien mal-eżekuzzjoni effettiva tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali. Ix-xogħol li jiġi mwettaq taħt dan l-Għan Strateġiku ser ikompli bil-proċess ta' ffaċilitar tal-allinjament tal-ħtiġijiet kummerċjali u l-kapaċitajiet tekniċi. L-Aġenzija ser tkompli wkoll tissorvelja u tiżviluppa l-proċessi amministrattivi tagħha, tiffurmahom u tadattahom fid-dawl tat-tibdil fil-proċeduri u r-regolamenti tal-UE u l-aħjar prattika internazzjonali.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, għandha twettaq valutazzjoni tal-Aġenzija (skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija). Il-valutazzjoni ser tindirizza l-effikaċja ġenerali li biha l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Ser tevalwa wkoll lill-Aġenzija fir-rwol tagħha li tistabbilixxi ambjent tal-IT koordinat, kosteffettiv u koerenti. L-Aġenzija għandha tiżgura li kwalunkwe rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn din ir-reviżjoni jiġu implimentati bis-sħiħ.

Element importanti ta' governanza effiċjenti u sorveljanza fl-Aġenzija ser tkun il-ġestjoni effettiva tal-kuntratti, bil-persunal tal-Aġenzija jikseb livell għoli ta' kompetenza dwar l-akkwist u l-kwistjonijiet kuntrattwali u sostenn u żvilupp ulterjuri ta' din l-kompetenza permezz ta' taħriġ formali u skambju ta' informazzjoni mal-pari. Huwa previst li l-persunal relevanti kollu ser iżomm għarfien preċiż tar-regoli u l-proċeduri fis-seħħ fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-akkwist

#### 2.2.4.1 Ippjanar Strateġiku

L-Aġenzija ser tkompli tevolvi l-funzjonalità tal-ippjanar strateġiku u r-rapportar tagħha matul l-2015. Permezz ta' attivitajiet ta' ppjanar strateġiku l-Aġenzija ser tkompli tistabbilixxi prijoritajiet, tiffoka fuq enerġija u riżorsi organizzattivi u tistabbilixxi għanijiet komuni.

Matul il-perjodu ta' rapportar, ser tinħareġ l-ewwel reviżjoni tal-istrateġija fuq perjodu twil għall-Aġenzija għall-perjodu 2014-2020 u jiġi abbozzat ir-rapport ta' implimentazzjoni għall-Programm ta' Ħidma Pluriennali tal-Aġenzija. Ir-Rapport tal-Attività Annwali għall-2014 ser jinħareġ ukoll u l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija għall-2016 ser jiġi sottomess għall-approvazzjoni u l-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija.

#### 2.2.4.2 Ġestjoni Finanzjarja

L-Aġenzija ser tiżviluppa u ssaħħaħ ulterjorment il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, billi tieħu approċċ proattiv biex tiżgura ġestjoni trasparenti u effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji. Matul il-perjodu tar-rapportar, l-unità ser tkun responsabbli wkoll mill-kompiti li għaddejjin ta' ġestjoni tal-faċilitajiet u tal-loġistika u ser tkun qed taħdem biex tiffinalizza arranġamenti interni biex jiġu sostitwiti l-ftehimiet fil-livell ta' servizz mas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. B' mod parallel l-Aġenzija ser tiżgura wkoll li kull xogħol marbut mal-bini tal-ġejjieni f'Talinn u t-titjib tas-sit operattiv fi Strasburgu jżommu mal-iskeda.

Matul il-perjodu ta' rapportar, għanijiet ulterjuri relatati mal-finanzi ser ikunu: tkompli timmira għal livell għoli ta' infiq skont il-baġit tal-Aġenzija, tissemplifika l-fluss tax-xogħol fis-sistemi tal-IT relatati mal-Finanzi tal-Aġenzija nnifisha, iżżomm livell għoli ta' eżattezza fil-previżjonijiet baġitarji u tkompli tikteb, tirrevedi u tapprova l-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

### 2.2.4.3 Ġestjoni tal-Loġistika u tal-Faċilitajiet

Fl-2015, il-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-loġistika ser ikunu li tkompli tiżgura li xogħol fuq il-bini permanenti f'Talinn u x-xogħlijiet għall-kostruzzjoni mill-ġdid ta' bini eżistenti u l-bidu ta' kostruzzjoni tal-bini l-ġdid fi Strasburgu jżommu bis-sħiħ mal-iskeda kemm tal-attività u kif ukoll tal-baġit[7]. Madankollu, progress f'dawn iż-żewġ oqsma jiddependi rispettivament fuq i) li l-Aġenzija ssolvi l-kwistjoni mal-Gvern Estonjan dwar il-post tal-bini permanenti tal-Aġenzija u ii) id-disponibilità tar-riżorsi u l-approvazzjoni tal-arranġamenti għall-iżvilupp tas-sit tekniku fi Strasburgu mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### 2.2.4.4 Akkwist

Matul il-perjodu ta' rapportar l-Aġenzija ser tissemplifika ulterjorment l-attivitajiet tal-akkwist tagħha permezz ta' konsolidazzjoni u rinfurzar tal-proċeduri tagħha finanzjarji u tal-akkwist, tibni u żżomm il-kapaċitajiet li tipprovdi parir kompetenti dwar proċeduri tal-akkwist internament u lil kuntratturi u fornituri potenzjali, tikkontribwixxi għall-iżvilupp, is-semplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-akkwisti tal-Aġenzija, u tipprepara, timplimenta u tissorvelja pjan ta' kisba ta' akkwist. Ta' min jinnota li hemm żewġ proċeduri kbar skedati għat-tnedija fl-2015; il-kuntratti qafas tal-VIS u l-BMS għaż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO). Dawn iż-żewġ proċeduri ser jiġu mnedija b'mod separat jew inkella bħala ħaġa waħda b'żewġ lottijiet separati.

### 2.2.4.5 Riżorsi Umani

Fl-2015, l-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ (HRTU) ser tkompli tipprovdi lill-Aġenzija b'riżorsi umani u servizzi ta' taħriġ biex ikun żgurat li tkun ta' suċċess fl-attrazzjoni u ż-żamma ta' persuni ta' kalibru għoli, tiġġestixxi b'mod effettiv l-iżvilupp tal-persunal u tiżgura l-iżvilupp tat-talent permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' tagħlim.

Il-perjodu ta' rapportar ser jara li l-proċessi elettroniċi tar-riżorsi umani u tal-Ġestjoni tad-Dokumenti tal-Aġenzija jilħqu l-maturità. Matul dan il-perjodu ser ikun hemm ukoll sforz biex jittejbu u jiġu promossi l-kunċett u l-kultura ta' tagħlim elettroniku fl-Aġenzija.

L-eżerċizzju annwali biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tat-taħriġ u jintrabtu kemm mal-għanijiet individwali u ma' dawk tal-organizzazzjoni usa', ser jitwettaq mill-HRTU. Ir-riżultati tiegħu ser jiffurmaw il-bażi tal-pjan tat-taħriġ annwali tal-eu-LISA għall-2016.

Ser jiġu mfittxija u użati sinerġiji ma' aġenziji oħra għall-iżvilupp ta' programmi u opportunitajiet ta' tagħlim u skambju ta' informazzjoni. L-opportunitajiet ta' tagħlim, li ser ikunu disponibbli għall-Aġenzija permezz tal-qafas tat-taħriġ tal-Kummissjoni, ser jintużaw bis-sħiħ. Ser jiġu applikati tekniċi "taħriġ lil min iħarreġ" biex jiġu ottimizzati l-opportunitajiet tat-tagħlim u jitnaqqsu l-ispejjeż.

Fl-2015 ser jitwettaq eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-persunal bħala parti mill-proċessi għall-iżvilupp tal-persunal. Barra minn hekk, fl-2015, ser jiġi finalizzat eżerċizzju komprensiv ta' evalwazzjoni tal-persunal (li beda fl-2014) li ser jirriżulta fil-promozzjoni tal-persunal fl-Aġenzija.

---

[7] *L-implimentazzjoni b' suċċess ta' dan il-proġett tiddependi fuq il-livell ta' finanzjament tiegħu fil-baġit tal-2015.*

Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-livelli ta' ċaqliq tal-persunal u tiġi mtejba ż-żamma tal-persunal, ser jiġi prodott rapport u ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija fl-2015 abbażi tad-dejta miġbura permezz ta' kwestjonarji tat-tmiem tas-servizz mill-membri tal-persunal fl-2014.

### 2.2.4.6 Komunikazzjoni Interna

Il-komunikazzjoni interna ser timmira li tiffaċilita żewġ proċessi paralleli: it-tkabbir ulterjuri u l-iżvilupp tal-organizzazzjoni.

Dan l-approċċ ser juża numru ta' kanali biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni interna, bħal żvilupp immirat tal-intranet u l-pjan tal-attività annwali tal-Aġenzija, abbażi tat-tagħlimiet meħuda miċ-ċikli annwali ta' qabel.

Il-Komunikazzjoni Interna għandha tiffaċilita wkoll ambjent għall-qsim ta' tagħrif billi tamalgama aspirazzjonijiet governattivi u strateġiċi tal-Aġenzija mal-implimentazzjoni tattika ta' kompiti speċifiċi fid-dipartimenti u l-unitajiet organizzattivi kollha.

Fl-2015, wara l-introduzzjoni ta' għodod addizzjonali interattivi u kollaborattivi, il-komunikazzjoni interna tal-Aġenzija ser issir aktar diversa u kumplessa: bullettin intern konsistenti (kemm fil-format html u kemm pdf) ser jiġi kkumplimentat minn midja xierqa oħra, jiġifieri blogs u/jew podcasts.

### 2.2.4.7 Ġestjoni tad-Dokumenti

Huwa previst li l-politika tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni tad-dokumenti li tissorvelja l-ħżin, l-arkivjar u l-ġestjoni tad-dokumenti, ser issir konformi bis-sħiħ mal-ISO 15489 fL-2015.

Is-sistema tal-ġestjoni tad-dokumenti tal-eu-LISA u l-proċeduri assoċjati tagħha ser ikompli jkunu konformi mal-miżuri ta' sigurtà obbligatorji relevanti, mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. L-istandards tal-Kummissjoni Ewropea ser jiġu applikati lill-prattiċi u l-proċeduri stabbiliti fl-Aġenzija.

Is-sistema tal-ġestjoni tad-dokumenti ser tiġi żviluppata ulterjorment permezz ta' standardizzazzjoni teknika f'konformità mal-prattika industrijali u l-Ġestjoni tad-Dokumenti Elettroniċi fil-Kummissjoni Ewropea (e-Domec). Biex is-sistema tiġi mtejba ulterjorment, l-aspirazzjoni ser tkun li timxi lejn ambjent ta' dokumenti elettroniċi, f'konformità sħiħa mar-restrizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet legali relevanti u l-perjodi ta' żamma amministrattivi applikabbli.

### 2.2.4.8 Awditjar Intern

F'konformità maz-zeitgeist attwali istituzzjonali u tal-Ewropa kollha rigward id-dispożizzjoni tal-valur għall-flus fis-settur pubbliku, l-Aġenzija, b'mod ċar, ser tkompli turi l-benefiċċji tal-investimenti, l-operazzjonijiet u n-nefqa tagħha u tipprova li hi tipprovdi propożizzjoni ta' valur lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati relevanti l-oħra kollha.

L-Aġenzija ser tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, tospita l-missjonijiet ta' verifika u tieħu l-miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw. L-Awditur Intern tal-eu-LISA ser ikompli jikkoordina x-xogħol f'dan il-qasam, inkluż il-preparazzjoni ta' rapporti, missjonijiet, attivitajiet ta' segwitu u jiżgura kuxjenza ġenerali tal-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern fil-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija.

# ANNESS A: GĦANIJIET OPERATTIVI SPEĊIFIĊI, OUTPUTS U INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI

*L-isforz totali stmat (FTEs) marbut mal-għanijiet tal-Programm ta' Ħidma 2015 ma jirriflettix l-allokazzjoni tar-riżorsi umani tal-Aġenzija għall-kompiti orizzontali u lanqas ma jieħu f'kunsiderazzjoni l-kompiti maniġerjali. Għaldaqstant, it-total globali ta' FTEs ta' 116.80 kif indikat fit-tabella bit-tqassim hawn taħt huwa inqas mill-popolazzjoni stmata tal-persunal tal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-eu-LISA[1][1].*

*L-approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju relatati mal-għanijiet tal-abbozz tal-Programm ta' Ħidma għall-2015 ma jirriflettux it-Titolu 1 in-nefqa tal-persunal u lanqas ma jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kost operazzjonali tal-Aġenzija relatat mat-Titolu 2. Għaldaqstant, it-total globali ta' 56.8665 miljun euro kif indikat fit-tabella bit-tqassim hawn taħt huwa anqas miċ-ċifra tan-nefqa stmata ta' 83 miljun euro kif indikat fid-Dikjarazzjoni Finali tad-Dħul u n-Nefqa tal-Aġenzija għall-2015.[2][2]*

*Kemm ir-riżorsi umani u dawk finanzjarji għall-kompiti orizzontali mhux imniżżla fil-pjan ta' ħidma jirrappreżentaw spiża kontinwa ta' infrastruttura u nefqa operattiva tal-Aġenzija u għaldaqstant għandhom jiġu kkunsidrati bħala spejjeż ġenerali.*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjonijiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | *2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi* | *Monitoraġġ & Żvilupp tal-Ftehimiet dwar il-Livell tas-Servizz għas-Sistemi kollha Ġestiti* | *Tkompli twettaq u tevolvi reviżjonijiet regolari tas-servizz u rapporti dwar il-kwalità tas-servizz* | *95% tal-interazzjonijiet tal-Istati Membri rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'anqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzata f'anqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti* | *2.00* | |

[1] *L-abbozz tal-Pjan tal-Politika tal-Persunal Pluriennali tal-eu-LISA jindika l-popolazzjoni tal-persunal fl-abbozz tal-baġit tal-UE ta' 120 Aġent Temporanju, 8 Aġenti Kuntrattwali u 6 Esperti Nazzjonali*

[2] *Skont id-Dikjarazzjoni Finali tad-Dħul u n-Nefqa tal-eu-LISA għall-2015, it-total globali tal-Approprjazzjonijiet ta' Impenn huwa 83 miljun, li minnhom in-nefqa taħt Titolu 1 kienet ta' 17,121 miljun euro, in-nefqa taħt Titolu 2 kienet ta' 21,260 miljun euro u n-nefqa taħt Titolu 3 kienet ta' 44,619 miljun euro.*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjoni jiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *moderati kategorizzati f'anqas minn 30 minuta; Eurodac Speċifiku FLS miftehma skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz* | | |
| **2** | *2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi* | *Ġestjoni Operattiva tas-SIS II* | *Monitoraġġ u applikazzjoni tas-servizzi ta'ġestjoni fuq bażi 24/7;*<br>*Forniment ta' assistenza lill-Istati Membri kif mitlub għall-ambjenti kollha sostnuti;*<br>*Forniment ta' appoġġ fuq kwalifikazzjonijiet tat-test (eż. MOMs), tissorvelja l-ambjenti ta' taħriġ u tipprovdi assistenza*<br>*Monitoraġġ u teħid ta' azzjonijiet korrettivi f'każ ta' inċidenti*<br>*Eżekuzzjoni ta' azzjonijiet ta' Kontinwità Kummerċjali jekk meħtieġ biex tiġi żgurata d-disponibilità tas-sistema*<br>*Żgurar tal-komunikazzjoni u reżoluzzjoni ma' partijiet terzi/bejjiegħa għal biljetti kumplessi*<br>*Ippjanar u eżekuzzjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni kemm għas-saffi ta'* | *95% tal-interazzjonijiet tal-Istati Membri rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'anqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzata f'anqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'anqas minn 30 minuta; Eurodac Speċifiku FLS miftehma skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz* | *14.00*[8] | *0.69* |

[8] *FTE stmati jkopru l-ġestjoni operattiva tat-tliet sistemi kollha*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjonijiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *applikazzjoni u l-COTS<br>Ippjanar u eżekuzzjoni teknika jew rilaxxi funzjonali kif miftiehem mal-Istati Membri.<br>Forniment għal taħriġ relatat ma' operazzjonijiet* | | | |
| *3* | *2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi* | *Ġestjoni Operattiva tal-VIS* | *Monitoraġġ u applikazzjoni tas-servizzi ta' ġestjoni fuq bażi 24/7;<br>Forniment ta' assistenza lill-Istati Membri kif mitlub għall-ambjenti kollha ta' appoġġ;<br>Forniment ta' appoġġ fuq kwalifikazzjonijiet tat-test (eż. MOMs), tissorvelja l-ambjenti ta' taħriġ u tipprovdi assistenza<br>Monitoraġġ u teħid ta' azzjonijiet korrettivi f'każ ta' inċidenti<br>Eżekuzzjoni ta' azzjonijiet ta' Kontinwità Kummerċjali jekk meħtieġ biex tiġi żgurata d-disponibilità tas-sistema<br>Żgurar tal-komunikazzjoni u reżoluzzjoni ma' partijiet terzi/bejjiegħa għal biljetti kumplessi<br>Ippjanar u eżekuzzjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni kemm għas-saffi ta' applikazzjoni u l-COTS<br>Ippjanar u eżekuzzjoni teknika jew rilaxxi funzjonali kif miftiehem mal-Istati Membri* | *95% tal-interazzjonijiet tal-Istati Membri rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'anqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzata f'anqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'anqas minn 30 minuta; Eurodac Speċifiku FLS miftehma skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz* | | *3.329* |
| *4* | *2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi* | *Ġestjoni Operattiva tal-Eurodac* | *Monitoraġġ u applikazzjoni tas-servizzi ta' ġestjoni fuq bażi 24/7;<br>Forniment ta' assistenza lill-Istati Membri kif mitlub għall-ambjenti kollha ta' appoġġ;<br>Forniment ta' appoġġ fuq* | *95% tal-interazzjonijiet tal-Istati Membri rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi* | | |

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjoni jiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *kwalifikazzjonijiet tat-test (eż. MOMs), tissorvelja l-ambjenti ta' taħriġ u tipprovdi assistenza<br>Monitoraġġ u teħid ta' azzjonijiet korrettivi f'każ ta' inċidenti<br>Eżekuzzjoni ta' azzjonijiet ta' Kontinwità Kummerċjali jekk meħtieġ biex tiġi żgurata d-disponibilità tas-sistema<br>Żgurar tal-komunikazzjoni u reżoluzzjoni ma' partijiet terzi/bejjiegħa għal biljetti kumplessi<br>Ippjanar u eżekuzzjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni kemm għas-saffi ta' applikazzjoni u l-COTS<br>Ippjanar u eżekuzzjoni teknika jew rilaxxi funzjonali kif miftiehem mal-Istati Membri* | *kategorizzati f'anqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzata f'anqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'anqas minn 30 minuta; Eurodac Speċifiku FLS miftehma skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz* | | |
| *5* | *2.2.1.2Evoluzzjoni tas-Sistemi* | *Evoluzzjoni/żvilupp tas-SIS II* | *Identifikazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, ta' ħtiġijiet ta' tibdil futur għall-evoluzzjoni tas-sistema biex jiġi sodisfatt il-kummerċ<br>Linja bażi tal-applikazzjoni tal-pjan direzzjonali<br>Evoluzzjoni tas-sistema skont il-pjan direzzjonali stabbilit (li ser jimplika attivitajiet bħal: twettiq ta' sessjonijiet ta'* | *Applikazzjoni tal-pjan direzzjonali u l-pjan ta' rilaxx Organizzazzjoni u preparazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għal kwistjonijiet puntwali fir-rigward tas-sistema marbuta mal-evoluzzjoni tas-sistema (kif indikat fil-pjan direzzjonali)* | *6.00* | *0*[9] |

[9] *L-impenn finanzjarju li sar fl-2013*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjoni jiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *ħidma mal-Istati Membri għal teknikalitajiet speċifiċi, preparazzjoni ta' aspetti tekniċi kuntrattwali inkluż l-għażla tal-bejjiegħ, jekk meħtieġ, ġestjoni tal-kuntratti/bejjiegħa involuti, twettiq ta' test & aċċettazzjoni tas-soluzzjoni, organizzazzjoni u implimentazzjoni tad-dħul fl-operazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri* | *Kisbiet evoluzzjonarji miftiehma u prodotti finali miksuba u sorveljati* | | |
| **6** | *2.2.1.2Evoluzzjoni tas-Sistemi* | *Evoluzzjoni/żvilupp tal-VIS/BMS* | *Identifikazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, ta' ħtiġijiet ta' tibdil futur għall-evoluzzjoni tas-sistema biex jiġi sodisfatt in-negozju; linja bażi għall-pjan direzzjonali tal-applikazzjoni; evoluzzjoni tas-sistema kif stabbilit fil-pjan direzzjonali (li ser jimplika attivitajiet bħal: twettiq ta' sessjonijiet ta' ħidma mal-Istati Membri għal teknikalitajiet speċifiċi, preparazzjoni ta' aspetti tekniċi kuntrattwali inkluż l-għażla tal-bejjiegħ, jekk meħtieġ, ġestjoni tal-kuntratti/bejjiegħa involuti, twettiq ta' test & aċċettazzjoni tas-soluzzjoni, organizzazzjoni u implimentazzjoni tad-dħul fl-operazzjoni f'kooperazzjoni mal-* | *Pjan direzzjonali tal-applikazzjoni u l-pjan ta' rilaxx*<br>*Organizzazzjoni u preparazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għal kwistjonijiet puntwali fir-rigward tas-sistema marbuta mal-evoluzzjoni tas-sistema (kif indikat fil-pjan direzzjonali)*<br>*Kisbiet evoluzzjonarji miftiehma u prodotti finali miksuba u sorveljati* | *8.00* | *13.5*[10]<br>*1.01*[11] |

[10] *Għall-Evoluzzjonijiet tal-VIS kif ġew prijoritizzati mal-Grupp Konsultattiv tal-VIS. Żieda ta' 4.6 miljun euro ser jiġu allokati għal proġetti tat-tieni saff u dan jiddependi fuq is-sitwazzjoni kuntrattwali skont il-VIS MWO.*

[11] *Għall-Eurodac*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjonijiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *Istati Membri).*<br>*Proġetti speċifiċi ta' prijorità għall-2015 huma:* 1) VIS Plejgrawnd 2.0 (2mio); 2) Evoluzzjonijiet tal-VIS: *Żieda fid-DB/ħżin tad-dejta (4.5 mio); allokazzjoni dinamika tal-VIS (3 mio) u evoluzzjonijiet tal-interfaċċa tal-VIS u integrazzjoni ta' utenti ġodda (tibdil tal-kodiċi tal-VISA) (4 mio)* | | | |
| *7* | *2.2.1.2Evoluzzjoni tas-Sistemi* | *Evoluzzjoni/żvilupp tal-Eurodac* | *Identifikazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, ta' ħtiġijiet ta' tibdil futur għall-evoluzzjoni tas-sistema biex jiġi sodisfatt in-negozju*<br>*Linja bażi għall-pjan direzzjonali tal-applikazzjoni*<br>*Evoluzzjoni tas-sistema kif stabbilit fil-pjan direzzjonali (li ser jimplika attivitajiet bħal: twettiq ta' sessjonijiet ta' ħidma mal-Istati Membri għal teknikalitajiet speċifiċi, preparazzjoni ta' aspetti tekniċi kuntrattwali inkluż l-għażla tal-bejjiegħ, jekk meħtieġ, ġestjoni tal-kuntratti/bejjiegħa involuti, twettiq ta' test & aċċettazzjoni tas-soluzzjoni, organizzazzjoni u implimentazzjoni tad-dħul fl-operazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri)* | *Pjan direzzjonali tal-applikazzjoni u l-pjan ta' rilaxx*<br>*Organizzazzjoni u preparazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għal kwistjonijiet puntwali fir-rigward tas-sistema marbuta mal-evoluzzjoni tas-sistema (kif indikat fil-pjan direzzjonali)*<br>*Kisbiet evoluzzjonarji miftiehma u prodotti finali miksuba u sorveljati*<br>*Eurodac Imfassal mill-Ġdid sa Lulju 2015* | *4.00* | |
| *8* | *Ġestjoni tal-Infrastruttura tas-Sistemi* | *Żamma tal-infrastruttura tas-sistema aġġornata* | *Twettiq tal-patches u l-aġġornamenti kollha meħtieġa. Ġestjoni tal-infrastruttura tas-sistema fuq bażi 24 x 7.* | *Il-livelli ta' servizz li għandhom jintlaħqu skont l-FLS fis-seħħ* | *5.75* | *1* |

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjoni jiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **9** | *Ġestjoni tal-Infrastruttura tas-Sistemi* | *Monitoraġġ u Rapportar tal-Prestazzjoni tas-Sistema* | *Statistiċi u rapporti tal-prestazzjoni operattiva; Rapporti skont id-dispożizzjonijiet tal-bażi legali tas-sistemi;* | *Livelli ta' servizz tal-FLS issodisfati; Rapporti pprovduti fil-ħin u f'konformità mar-rekwiżiti operattivi / legali* | *3.75* | *0.3* |
| **10** | *Ġestjoni tal-Infrastruttura tas-Sistemi* | *Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tas-Servizz tal-Għajnuna* | *Rapporti regolari kull xahar tal-prestazzjoni SD* | *95% tal-interazzjonijiet tal-Istati Membri rikonoxxuti f'anqas minn minuta 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'anqas minn 5 minuti 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzati f'anqas minn 10 minuti 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'anqas minn 30 minuta* | *1.25* | |
| **11** | *Ġestjoni tal-Infrastruttura tas-Sistemi* | *Appoġġ lis-Servizz tal-Għajnuna* | *Servizzi regolari pprovduti lill-Istati Membri permezz ta' SPOC* | *100% tal-inċidenti kritiċi solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli f'anqas minn 8 sigħat; 95% tal-inċidenti għolja solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli f'anqas minn 24 siegħa; 90% tal-inċidenti moderati solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli fi żmien 6 ijiem.* | *11.00* | |
| **12** | *2.2.1.3 Infrastruttura* | *Monitoraġġ tan-netweks* | *Żgurar tad-disponibilità u l-prestazzjoni* | *Il-livelli ta' servizz jiġu* | *3.75* | |

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjonijiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *tan-netwerk u l-komunikazzjoni* | *skont il-ġestjoni tal-eu-LISA biex tkun żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni* | *tan-netwerk skont l-FLS stabbilit* | *sodisfatti skont in-netwerk tal-FLS relevanti fis-seħħ* | | |
| **13** | *2.2.1.3 Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni* | *Tiġi żgurata ġestjoni kuntrattwali effettiva ta' kwalunkwe netwerk pprovdut minn partijiet terzi* | *Jiġu żgurat li l-livelli ta' servizz u l-kunfidenzjalità jiġu provduti skont il-ftehimiet kuntrattwali tal-partijiet terzi* | *Il-fornituri tas-servizz għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti kollha tas-sigurtà u l-prestazzjoni kif spjegat fid-dispożizzjonijiet kuntrattwali relevanti* | *2.75* | |
| **14** | *2.2.1.3 Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni* | *Kontinwazzjoni tal-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni ta' wara l-migrazzjoni b'suċċess tat-TESTA-ng* | *Disponibilità u prestazzjoni tan-netwerk TESTA-ng* | *Il-livelli ta' servizz għandhom jiġu provduti skont in-netwerk tal-FLS fis-seħħ* | *4.5* | *0.24* |
| **15** | *2.2.1.4 Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda* | *Jitkomplew il-preparazzjonijiet biex jiġu ġestiti s-sistema Fruntieri Intelliġenti u s-Sistema tad-Dħul/Ħruġ (EES)* | *Kontribuzzjoni għan-negozjati ta' strumenti legali relevanti*<br>*Valutazzjonijiet tal-infrastruttura, il-persunal u r-rekwiżiti organizzattivi għall-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tal-EES*<br>*Proġett pilota* | *Puntwalità tal-input provdut*<br>*Proġett pilota provdut skont pjan* | *0.75* | *0* [12] |
| **16** | *2.2.1.4 Żvilupp u Implimentazzjoni ta'* | *Jitkomplew il-preparazzjonijiet biex jiġu* | *Kontribuzzjoni għan-negozjati ta' strumenti legali relevanti* | *Puntwalità tal-input provdut* | *0.75* | |

[12] *Abbażi tad-diskussjoni fl-aħħar laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija li saret f'Marzu 2014, l-Aġenzija qed tistenna li tirċievi l-approprjazzjonijiet kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett pilota mid-DĠ Affarijiet Interni.*

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjoni jiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Sistemi Ġodda* | *ġestiti s-sistema Fruntieri Intelliġenti u l-Programm ta' Vjaġġaturi Reġistrati (RTP)* | *Valutazzjonijiet tal-infrastruttura, il-persunal u r-rekwiżiti organizzattivi għall-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tal-EES Proġett pilota* | *Proġett pilota provdut skont il-pjan* | | |
| **17** | *2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta* | *Jiġi żgurat li l-miżuri ta' sigurtà u l-pjanijiet ta' sigurtà għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u għan-netwerks tal-komunikazzjoni relatati ma' dawn is-sistemi jiġu implimentati bis-sħiħ.* | *Informazzjoni adegwata u aġġornata, pariri u taħriġ għall-persunal dwar sigurtà u forniment ta' rapporti regolari dwar il-konformità b'definizzjoni dettaljata ta' livell ta' servizz + Verifiki annwali* | *Taħriġ annwali dwar is-sigurtà provdut*<br>*Numru ta' inċidenti ta' sigurtà*<br>*Kwalità u puntwalità tar-rapporti* | *3.00* | *0.4* |
| **18** | *2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta* | *Jiġi żgurat li l-uffiċċji tal-Aġenzija, il-persunal u s-sistemi joperaw f'ambjent xieraq u b'sigurtà adegwata* | *Identifikazzjoni u ġestjoni effettivi għar-riskji kollha fiżiċi u ta' sigurtà ta' informazzjoni. Implimentazzjoni ta' standards għas-Sigurtà tal-Informazzjoni skont l-ISO27001.* | *Manutenzjoni aġġornata tar-reġistru tar-riskji* | *4.00* | *0.42* |
| **19** | *2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta* | *Implimentazzjoni tal-istrateġija dwar il-ġestjoni tal-kontinwità kummerċjali permezz tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità Kummerċjali skont l-ISO22301* | *Żgurar tal-implimentazzjoni, ittestjat u żamma tal-kontinwità kummerċjali u pjanijiet ta' rkupru minn diżastri skont l-ISO22301* | *Provvediment regolari ta' taħriġ u eżerċizzji tal-BC (tal-anqas 1 kull sena)* | *1.50* | *0.11* |
| **20** | *2.2.1.5 Sigurtà u Protezzjoni tad-Dejta* | *Implimentazzjoni, żamma u żvilupp ta' proċeduri u proċessi biex ikun żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni* | *Implimentazzjoni ta' proċeduri interni effettivi dwar il-protezzjoni tad-dejta u twettiq ta' reviżjonijiet interni regolari Għandu jiġi abbozzat pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati diskrepanzi identifikati fid-* | *Għandhom jiġu implimentati proċeduri effettivi dwar il-protezzjoni tad-dejta u ebda kwistjonijiet tal-protezzjoni* | *1.00* | |

| REF | Għan Operattiv | Għan Speċifiku | Output (sal-aħħar tal-2015) | Indikatur/Indikaturi ta' Prestazzjoni Suġġeriti | Stimi FTE tal-2015 | Baġit tal-2015: Approprjazzjonijiet ta' Impenn (M Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
